TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 115/11

**Frank Gauci**

**vs**

**Qawra Inn**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u wieħed u tmenin ewro (€181), rappreżentanti rifużjoni ta' depożitu li ħallas sabiex joqgħod ġo *hotel* li kellu jitlaq minnu għal diversi raġunijiet ta' *health and safety.*

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħallas għal sebgħin (70) lejl u wara ħdax-il lejl (11) dan kellu raġunijiet minħabba *health and safety* sabiex jitlaq mill-*hotel* u ġie rifuż biss l-ammont ta' mija u wieħed u tmenin ewro (€181), u kien għad baqgħalu bilanċ ta' mija u wieħed u tmenin ewro (€181).

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi mhuwiex minnu r-raġunijiet tal-*health and safety* illi qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti għax għandhom *policy* tajba ta' *health and safety*, kif ukoll iffirma karta li ġiet ippreżentata bħala Dok C, fejn qed jgħid illi aċċetta li jieħu biss kumpens ta' mija u wieħed u tmenin ewro (€181), u li jitlef il-mija u wieħed u tmenin ewro (€181) l-oħra.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti kien aċċetta li jieħu l-mija u wieħed u tmenin ewro (€181) biss u jitlaq minn hemm, u allura hija totalment inġusta u ħela ta' ħin tat-Tribunal illi jipprova jikklejmja għal mija u wieħed u tmenin ewro (€181) l-oħra, meta ġja kien hemm il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888